MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Talba Numru. 106/2007

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Asfaltar Ltd (C 8313)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Frar 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm261.41), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali u bl-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta’ April 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u sittin Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm261.41), bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------